MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2011

Citazzjoni Numru. 738/2011/2

**Claude Azzopardi (erronjament indikat fl-Att tat-Twelid bħala 'Claud' Azzopardi)**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-2 t'Awissu 2011 li permezz tiegħu l-attur Claude Azzopardi ppremetta:

1. Illi l-esponent twieled f'Tas-Sliema fis-16 t'Ottubru 1960 u dan it-twelid ġie reġistrat u ngħata n-numru ta' iskrizzjoni 6990/1960 (Dok. "A");

2. Illi fuq l-Att tat-Twelid, l-esponent ingħata l-isem "Claud" bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ;

3. Illi evidentement, l-istess Att tat-Twelid jikkontjeni żball fis-sens li l-isem tal-esponent ġie erronjament indikat bħala "Claud" mentri dan l-isem kellu jiġi ndikat bħala "Claud<u>e</u>". Dan l-iżball jidher taħt il-kolonna *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa";*

4. Illi dan l-iżball jirriżulta ċar meta wieħed jara kif ġie ndikat isem l-esponent, b'mod korrett, fil-karta tal-identita' (Dok. "B"), il-liċenzja tas-sewqan (Dok. "C"), kif ukoll kemm il-passaporti preċedenti (Dok. "D" u "E") kif ukoll il-passaport kurrenti, li preżentament qed jiġi miżmum mill-Uffiċju tal-Passaporti;

5. Illi isem l-esponent ġie ndikat korrettement, u ċjoe' bħala "Claude" fiċ-ċertifikati tal-magħmudija rilaxxjati mill-Parroċċa ta' Sacro Cuor (Dok. "F") kif ukoll fl-estratt tal-Att tat-Twelid rilaxxjat mir-Reġistru Pubbliku fil-21 t'April 1992 (Dok. "G");

6. Illi *inoltre* l-esponent ilu ħajtu kollha jindika ismu bħala "Claude" minflok "Claud" u ismu huwa magħruf b'tali ortografija anke mill-familja tiegħu kif ukoll minn qraba, ħbieb, konoxxenzi u kollegi tiegħu fuq ix-xogħol;

7. Illi l-esponent għandu interess li l-Att tat-Twelid tiegħu jkun jirrifletti l-mod kif jinkiteb ismu korrettement kif ukoll l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw, minflok l-isem li ġie erronjament indikat fuq dak l-Att bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ;

8. Illi għalhekk, l-esponent jixtieq jipproċedi sabiex jikkoreġi l-iżball hawn fuq imsemmi fl-Att tat-Twelid tiegħu, u dana a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha magħrufa lill-esponent personalment.

**Raġunijiet tat-Talba:**

1. Illi kif premess fl-Att tat-Twelid tiegħu, l-isem tal-esponent ġie erronjament indikat bħala "Claud" mentri dan

l-isem kellu jiġi ndikat bħala "Claud<u>**e**</u>", iżda ilu ħajtu kollha jindika ismu bħala "Claud<u>**e**</u>" minflok "Claud" u ismu huwa magħruf b'tali ortografija, anke mill-familja tiegħu kif ukoll minn qraba, ħbieb, konoxxenzi u kollegi tiegħu fuq ix-xogħol;

2. Illi l-esponent għandu interess li l-Att tat-Twelid tiegħu jkun jirrifletti l-isem li hu u l-familja tiegħu konsistentement jużaw bħala l-isem li bih jiġi msejjaħ u li huwa magħruf minflok l-isem li ġie ndikat erronjament fuq dak l-Att bħala l-isem li bih kellu jissejjaħ;

3. Illi għalhekk l-esponent istitwixxa din il-proċedura sabiex l-isem "Claud<u>**e**</u>" jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tiegħu minflok l-isem "Claud" li jidher annotat fil-kolonna intestate *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"*, u dana a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Talbiet:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi jgħid l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponent huwa konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem "Claude" u mhux bl-isem "Claud"'

2. Tordna għalhekk li l-isem "Claude" jiġi reġistrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponent li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 6990/1960 minflok l-isem "Claud" b'dana li l-imsemmi Att jiġi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* jitniżżel l-isem "Claude" minflok l-isem "Claud";

3. Tagħti kull provvediment ieħor opportun u neċessarju sabiex issir ir-reġistrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponent a tenur tat-tieni talba tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, minn issa msejjaħ għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digrieti tal-5 u 17 t'Awissu 2011, kif ukoll dak tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza;

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u takkorċja t-terminu għall-appell għal jumejn.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------